31980L1119

L 339/30 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 15.12.1980

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Novembru 1980

dwar il-prospetti ta' statistika li għandhom x'jaqsmu mat-trasport ta' merkanzija permezz ta' passaġġi ta' l-ilma interni

(80/1119/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 213 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-abbozz tad-Direttiva sottomess mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi sabiex jitwettqu x-xogħlijiet fdati lilha skond it-Trattat, il-Kummissjoni għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha informazzjoni statistika konsistenti, sinkronizzata u regolari dwar l-iskala u l-iżvilupp tat-trasport tal-merkanzija permezz ta' passaġġi ta' l-ilma interni fl-Istati membri; billi din l-informazzjoni għandha tkun kumparabbli kemm bejn l-Istati kif ukoll ma' l-informazzjoni għal modi oħra ta' trasport u għandha tirreferi għal traffiku nazzjonali, internazzjonali u ta' tranżitu;

Billi, minħabba li l-varjazzjonijiet matul is-sena fid-domanda għat-trasport u fil-kondizzjonijiet tan-navigabilità għandhom influwenza fuq it-traffiku tal-merkanzija, ċerti statistiki għandhom jiġu sottomessi f'intervalli ta' inqas minn sena;

Billi sabiex tiġi żgurata informazzjoni adegwata fis-suq għat-trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi ta' l-ilma interni, din id-informazzjoni statistika għandha tiddistingwi bejn il-konnessjonijiet ewlenin tat-trasport;

Billi l-istatistiki diġà disponibbli fl-Istati Membri differenti dwar it-trasport tal-merkanzija għandhom ikunu iktar armonizzati fuq livell Komunitarju;

Billi sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet proposti, għandhom jiġu stabbiliti ċerti limiti ta' żmien għall-forniment ta' l-informazzjoni statistika meħtieġa;

Billi l-Kummissjoni għandha tissottometti rapport sabiex ikun possibbli għall-Kunsill li jeżamina sa fejn l-għanijiet ta' din id-Direttiva jistgħu jintlaħqu bl-użu ta' l-informazzjoni statistika sottomessa; Billi għandha għalhekk taħseb fil-possibiltà li tipproponi titjib għall-metodi użati fil-kompilazzjoni ta' dawn l-istatistiki; billi l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar l-introduzzjoni ta' statistiki tat-trasport tal-merkanzija b'bastimenti tal-baħar fuq passaġġi ta' l-ilma interni, u stastistiċi dwar it-traffiku internazzjonali bejn ir-reġjuni fuq dawn il-passaġġi ta' l-ilma interni;

Billi l-informazzjoni statistika hija meħtieġa sabiex jiġu aċċertati l-iskala u l-iżvilupp tat-trasport tal-merkanzija; billi l-Komunità għandha għalhekk, għal perjodu inizjali, tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istati Membri fir-rigward taxxogħol involut,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

1. L-Istati Membri b'passaġġ ta' l-ilma intern wieħed jew iktar għandhom jagħmlu stħarriġ statistiku tat-trasport permezz ta' bastimenti fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni, irrispettivament mill-pajjiż li fih huma reġistrati jew liċenzjati:

– ta' merkanzija trasportati b'kiri jew bi ħlas u merkanzija trasportata għall-kont proprju,

– ta' merkanzija mgħobbija jew maħtuta fil-pajjiż, jew li tgħaddi in tranżitu permezz tal-passaġġi ta' l-ilma interni tagħha.

2. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-termini li ġejjin għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom hawn iżjed 'il quddiem:

(a) passaġġi ta' l-ilma interni: mogħdija ta' l-ilma, kanal, jew lag li l-karatteristiċi naturali jew artifiċjali tagħhom jagħmluhom tajba għan-navigazzjoni, primarjament permezz ta' bastimenti tal-passaġġi ta' l-ilma interni;

(b) bastiment tal-passaġġi ta' l-ilma interni: bastiment, kemm jekk immexxi minnu stess jew le, li hu rreġistrat jew liċenzjat bħala bastiment tal-passaġġi ta' l-ilma interni, li jista' jew ma jistax ikun barkun merfugħ minn vapur, u li permezz tad-disinn jew il-kostruzzjoni tiegħu hu xieraq għannavigazzjoni f'ilmijiet kennin biss.

[1] ĠU C 85, tat-8.4.1980, p. 75.

[2] L-Opinjoni mogħtija fit-30 ta' Settembru 1980 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

3. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal:

– trasport ta' merkanzija permezz ta' bastimenti ta' inqas minn 50 tunnellata metrika piż mejjet,

– bastimenti użati prinċipalment għat-trasport tal-passiġġieri,

– bastimenti użati bħala lanċa,

– bastimenti użati biss għal skopijiet li m'humiex kummerċjali permezz ta' amministrazzjonijiet tal-port u awtoritajiet pubbliċi,

– bastimenti użati biss għall-*bunkering* jew għall-ħżin,

– bastimenti li m'humiex użati għat-trasport ta' merkanzija bħal bastimenti tas-sajd, karrakki tal-ħama, *workshops* li jibqgħu f'wiċċ l-ilma, djar dgħajjes u bċejjeċ tal-baħar taddivertiment.

4. L-ewwel stħarriġ statitsiku għandu jsir mill-1 ta' Jannar 1981

L-Artikolu 2

1. Id-dettalji li ġejjin għandhom jiġu rreġistrati:

(a) il-piż tal-merkanzija f'tunnellati metriċi;

(b) il-konnessjonijiet ewlenin tat-trasport:

– it-traffiku nazzjonali, meta l-merkanzija tiġi kemm mgħobbija kif ukoll maħtuta fl-istess Stat Membru li jirrapporta, irrispettivament mir-rotta segwita mill-bastiment,

– it-traffiku internazzjonali, meta l-merkanzija tiġi mgħobbija jew maħtuta, imma mhux it-tnejn, fl-Istat Membru li jirrapporta, li jiddistingwi bejn il-merkanzija mgħobbija u dik maħtuta,

– it-traffiku fi tranżitu, meta l-merkanzija tgħaddi mill-Istat Membru li jirrapporta mingħajr ma tiġi mgħobbija, maħtuta jew trasbordata.

Fil-każ ta' barkuni merfugħa minn vapuri, il-merkanzija għandha titqies li ġiet mgħobbija fil-post fejn il-barkun jintefa' fuq wiċċ l-ilma jew jintrefa' mill-vapur li jġorr, u maħtuta meta l-barkun jingħibed jew jintrefa' abbord mill-vapur li jġorr;

(ċ) in-natura tal-merkanzija, skond il-gruppi ta' merkanzija murija fil-kolonna tan-naħa tax-xellug ta' l-Anness I

(d) in-nazzjonalità, jiġifieri il-pajjiż fejn il-bastiment li jġorr il-merkanzija hu reġistrat jew liċenzjat, jew fin-nuqqas, il-pajjiż fejn is-sid tal-bastiment hu domiċiljat.

(e) it-tip ta' bastiment skond in-nomenklatura li ġejja:

– barkun immexxi minnu stess:

– tanker immexxi minnu stess,

– barkuni oħrajn immexxija minnhom infushom,

– barkun irmunkat:

– tanker irmunkat:

– barkun irmunkat ta' xort' oħra,

– barkun imbuttat (inkluż il-barkuni imbuttati-irmunkati):

– tanker imbuttat,

– barkuni mbuttati oħrajn (inklużi barkuni mgħobbija fuq vapuri),

– bastimenti oħrajn li jġorru l-merkanzija,

Il-kelma "tanker" tirreferi għall-bastimenti kollha intenzjonati għat-trasport bil-massa ta' likwidu jew tagħbija likwida, imma mhux ta' trabijiet;

(f) għal traffiku nazzjonali, ir-reġjuni nazzjonali ta' tagħbija u ta' ħatt skond il-klassifika ġeografika mogħtija fl-Anness II;

(g) għal traffiku internazzjonali u ta' tranżitu, il-pajjiżi ta' tagħbija u tal-ħatt kif elenkati fl-Anness III;

(h) id-distanza f'kilometri koperta fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni nazzjonali.

2. L-Istati Membri fejn il-volum totali tal-merkanzija trasportata fis-sena permezz ta' passaġġi ta' l-ilma interni bħala traffiku internazzjonali u ta' tranżitu ma jeċċedix il-miljun tunnellata m'għandhomx ikunu obbligati li jfornu l-istatistiki meħtieġa skond it-termini ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

1. Ħlief għall-informazzjoni soġġetta għas-segretezza statistika skond il-liġijiet nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ir-riżultati statitsiċi lill-Kumissjoni kemm jista' jkun malajr, u mhux iktar tard minn ħames xhur wara t-tmiem talperjodi ta' referenza involuti.

2. Ir-riżultati għandhom jiġu preżentati bl-użu tat-tabelli imfassla fil-kampjuni fl-Anness IV.

3. Ir-riżultati li huma pproċessati bil-kompjuter jistgħu jiġu preżentati f'forma li tinqara mill-magni tat-tip u tal-format li għandhom jiġu deċiżi mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri konċernati.

L-Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1980 deskrizzjoni dettaljata tal-metodi li għandhom jintużaw għall-istħarriġ statistiku fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' l-informazzjoni u l-kalkolazzjoni tal-kilometri tunnellati metriċi.

2. Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha teżamina l-problemi metodoloġiċi u tekniċi mqajma mill-istħarriġ sabiex issib soluzzjonijiet li jagħmlu l-istatistiki konsistenti u kumparabbli kemm jista' jkun.

L-Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati approprjati ta' l-stħarriġ statistiku.

2. Qabel l-ta' Jannar 1983 il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill rapport dwar l-esperjenza akkwistata fix-xogħol skond din id-Direttiva, u għandha tipproponi kwalunkwe titjieb meħtieġ.

3. Fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar l-introduzzjoni ta' statistiki dwar it-trasport ta' merkanzija b'bastimenti ta' fuq il-baħar f'passaġġi ta' l-ilma interni, u statistiki dwar it-traffiku internazzjonali bejn reġjuni fuq dawn il-passaġġi ta' l-ilma interni.

L-Artikolu 6

Għall-ewwel tliet snin li fihom isir l-istħarriġ statistiku provdut minn din id-Direttiva, għandha tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-infiq li jsir mill-Istati Membri fil-limitu ta' l-approprjazzjonijiet imwarrba għal dan l-iskop fil-*budget* tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1981

L-Artikolu 8

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Novembru 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SANTER

L-ANNESS I

LISTA TA' GRUPPI TA' MERKANZIJA

Il-Grupp tal-merkanzija	NST/R ([1]) Il-Kapitolu	NST/R ([1]) gruppi	Deskrizzjoni
1	0	01	Ċereali
2		02, 03	Patata, frott frisk jew iffriżat u ħxejjex oħrajn
3		00, 06	Annimali ħajjin, pitrava zokkrija
4		05	Injam u sufra
5		04, 09	Tessuti, L-artikoli tat-tessut u fibri artifiċjali, materjali ta' l-annimali u tal-ħxejjex oħrajn
6	1	11, 12, 13, 14, 16, 17	Affarijiet ta' l-ikel u għalf ta' l-annimali
7		18	Żerriegħa taż-żejt u frott u xaħmijiet li jipproduċu ż-żejt
8	2	21, 22, 23	Karburanti minerali solidi
9	3	31	Petroljum mhux ipproċessat
10		32, 33, 34	Prodotti tal-petroljum
11	4	41, 46	Mineral tal-ħadid, skart tal-ħadid u ta' l-azzar u trab tal-kalkara tal-funderija
12		45	Minerali u skart li m'humiex tal-ħadid
13	5	51, 52, 53, 54, 55, 56	Prodotti tal-metall
14	6	64, 69	Siment, materjali tal-bini fabbrikati mill-ġir
15		61, 62, 63, 65	Minerali fabbrikati u mhux ipproċessati
16	7	71, 72	Fertilizzanti kimiċi u u naturali
17	8	83	Kimiċi tal-faħam, qatran
18		81, 82, 89	Kimiċi ta' xort' oħra minn kimiċi tal-faħam u tal-qatran
19		84	Polpa tal-karta u l-iskart tal-karta
20	9	91, 92, 93	Tagħmir tat-trasport, makkinarju, apparat, inġenji kemm jekk mibnija jew le, u l-partijiet tagħhom
21		94	Fabbrikati tal-metall
22		95	Ħġieġ, affarijiet tal-ħġieġ, prodotti taċ-ċeramika
23		96, 97	Ġilda, tessuti, ilbies, L-artikoli oħrajn iffabbrikati
24		99	L-Artikoli mixxellanji

([1]) Ippubblikat mill-Uffiċċju Statistiku tal-Komunitajiet Ewropej (Il-verżjoni Franċiża 1968).

L-ANNESS II

IL-KLASSIFIKA ĠEOGRAFIKA TAR-REĠJUNI

Il-Belġju

Vlaams gewest, bl-esklużjoni ta' Antwerpen
Antwerpen
Région wallonne
Région bruxelloise/Brussels gewest

Ir-Reġjun Federali tal-Ġermanja

Schleswig-Holstein
Hamburg
Nordostteil von Niedersachsen
Westteil von Niedersachsen
Südostteil von Niedersachsen
Bremen (L-Art)
Nordteil von Nordrhein-Westfalen
Ruhrgebiet
Südwestteil von Nordrhein-Westfalen
Ostteil von Nordrhein-Westfalen (Sieger-Sauerland und Ostteil von Westfalen)
Nordteil von Hessen
Südteil von Hessen
Nordteil von Rheinland-Pfalz
Südteil von Rheinland-Pfalz
Nordbaden
Südbaden
Württemberg
Nordbayern (Franken)
Ostbayern (Oberpfalz und Niederbayern)
Südbayern (Schwaben und Oberbayern)
Saarland
Berlin (il-Punent)

Franza

Île-de-France
Champagne-Ardennes
Picardie
Haute-Normandie
Centre
Basse-Normandie
Bourgogne
Nord-Pas-de-Calais
Lorraine
Alsace
Franche-Comté
Pays de la Loire
Bretagne
Poitou-Charentes
Aquitaine
Midi-Pyrénées
Limousin
Rhône-Alpes
Auvergne
Languedoc-Roussillon
Provence-Alpes-Côte d'Azur

L-Italja

Piemonte
Valle d'Aosta
Liguria
Lombardia
Trentino-Alto Adige
Veneto
Friuli-Venezia Giulia
Emilia-Romagna
Toscana
Umbria
Marche
Lazio
Campania
Abruzzo
Molise
Puglia
Basilicata
Calabria
Sicilia
Sardegna

Il-Lussemburgu

Il-Lussemburgu

L-Olanda

Noord
West, ħlief għal Rijnmond u IJmond
Rijnmond
IJmond
Zuidwest
Zuid
Oost

Ir-Renju Unit

It-Tramuntana
Yorkshire u Humberside
Il-Midlands tal-Lvant
L-Anglia tal-Lvant
Ix-Xlokk
Il-Lbiċ
Il-Midlands tal-Punent
Il-Majjistral
Wales
L-Iskozja
L-Irlanda ta' Fuq

L-ANNESS III

LISTA TAL-PAJJIŻI U GRUPPI TAL-PAJJIŻI

I. Il-Komunitajiet Ewropej

01. Il-Belġju
02. Id-Danimarka
03. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja
04. Il-Greċja
05. Franza
06. L-Irlanda
07. L-Italja
08. Il-Lussemburgu
09. L-Olanda
10. Ir-Renju Unit

II. 11. L-Isvizzera

III. 12. L-Awstrija

IV. Il-Pajjiżi li jinnegozjaw ma' l-Istati

13. URSS
14. Il-Polonja
15. Ir-Repubblika Demokratika Ġermaniża
16. Iċ-Ċekożlovakkja
17. L-Ungerija
18. Ir-Rumanija
19. Il-Bulgarija
20. Il-Jugożlavja

V. 21. Pajjiżi Ewropej oħrajn

VI. 22. L-Istati Uniti ta' l-Amerka

VII. 23. Pajjiżi oħrajn

L-ANNESS IV

TABELLI KAMPJUNI

TABELLA 1 (A)

Traffiku nazzjonali, internazzjonali u ta' tranżitu: kwantitajiet merfugħa minn gruppi ta' merkanzija

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-Perjodu (is-sena) . . . . . .

(t)

Il-Grupp tal-merkanzija ([1])	It-traffiku nazzjonali	It-traffiku internazzjonali				It-Tranżitu (minghajr trasbord)	It-Total
		It-Total		Is-sehem tal-KEE			
		It-Tagħbijiet	Il-Ħatt	It-Tagħbijiet	Il-Ħatt		
01							
02							
03							
.							
.							
It-Total							
Flimkien ma' ([2]):							
It-total globali:							

([1]) Ara l-Anness I.
([2]) It-traffiku li għandu jiġi speċifikat li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttva (mhux obbligatorju).

TABELLA 1 (B)

Traffiku nazzjonali, internazzjonali u ta' tranżitu: kilometri-tunnellati metriċi ([1]) **skond il-grupp tal-merkanzija**

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-Perjodu (is-sena) . . . . . .

(Kilometri tunnellati metriċi)

Il-Grupp tal-merkanzija ([2])	It-traffiku nazzjonali	It-traffiku internazzjonali				It-Tranżitu (minghajr trasbord)	It-Total
		It-Total		Is-sehem tal-KEE			
		It-Tagħbijiet	Il-Ħatt	It-Tagħbijiet	Il-Ħatt		
01							
02							
03							
.							
.							
It-Total							
Fl-addizzjoni ([3]):							
It-total globali:							

([1]) Kilometri-tunnellati metriċi fil-passaġġ(i) ta' l-ilma nazzjonali.
([2]) Ara l-Anness I.
([3]) It-Traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttva (mhux obbligatorju).

TABELLA 2

Traffiku nazzjonali intra u inter-reġjonali: kwantitajiet trasportati skond ir-reġjun tat-tagħbija u tal-ħatt

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-Perjodu (is-sena) . . . . . .

(tunnellati-metriċi)

Ir-reġjun tat-tagħbija ([1])	Ir-reġjun tal-ħatt							
	01	02	03	...		It-Total	Flimkien ma' ([2])	It-total globali
01								
02								
03								
.								
.								
It-Total								
Flimkien ma' ([2]):								
It-total globali:								

([1]) In-numru tal-kodiċi għal kull reġjun jiġi għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4(2).
([2]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttva (mhux obbligatorju).

TABELLA 3

It-traffiku nazzjonali it-tagħbija u l-ħatt skond ir-reġjun u skond il-grupp tal-merkanzija

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(tunnellati-metriċi)

Ir-Reġjun ([1])	Il-grupp tal-merkanzija ([2])					
	01	02	03	...		It-total
A. **Irċevuti minn reġjuni oħrajn**						
01						
02						
03						
.						
.						
Total A						
B. **Mibgħuta lil reġjuni oħrajn**						
01						
02						
03						
.						
.						
total B						
Ċ. **It-traffiku intra-reġjonali**						
01						
02						
03						
.						
.						
Total Ċ						
It-total A + B + Ċ						
It-total nazzjonali (A + Ċ = B + Ċ)						
Flimkien ma' ([3]):						
It-total globali						

([1]) Il-kodiċi għal kull reġjun jiġi stabbilit mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4(2).
([2]) Ara l-Anness I.
([3]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttva (mhux obbligatorju).

TABELLA 4 (A)

It-traffiku nazzjonali: kwantitajiet trasportati skond il-grupp tal-merkanzija u l-klassi tad-distanza

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(tunnellati-metriċi)

Il-klassi tad-distanza	Il-grupp tal-merkanzija ([1])					
	01	02	03	…		It-total
— 49 km						
50-149 km						
150-499 km						
500 km –						
It-total						
Flimkien ma' ([2]):						
It-total globali						

([1]) Ara l-Anness I.
([2]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttva (mhux obbligatorju).

TABELLA 4 (B)

It-traffiku nazzjonali: kilometri-tunnellati-metriċi skond il-grupp ta' merkanzija u skond id-distanza

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(Kilometri-tunnellati metriċi)

Il-klassi tad-distanza	Il-grupp tal-merkanzija ([1])					
	01	02	03	...		It-total
– 49 km						
50–149 km						
150–499 km						
500 km –						
It-total						
Flimkien ma' ([2]):						
It-total globali						

([1]) Ara l-Anness I.

([2]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttiva (mhux obbligatorju).

TABELLA 5 (A)

It-traffiku internazzjonali: il-kwantitajiet trasportati fil-passaġġ(i) ta' l-ilma interni nazzjonali skond il-pajjiż tat-tagħbija/ħatt u skond il-grupp ta' merkanzija

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(Kilometri-tunnellati metriċi)

Il-pajjiż tat-tagħbija/ħatt ([1])	Il-grupp tal-merkanzija ([2])					
	01	02	03	...		It-total
A. **Irċevuti minn:**						
01						
02						
03						
.						
.						
B. **Mibgħuta lil:**						
01						
02						
03						
.						
.						
It-total (A + B)						
Flimkien ma' ([3]):						
It-total globali						

([1]) Ara l-Anness III.
([2]) Ara l-Anness I
([3]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttiva (mhux obbligatorju).

TABELLA 5 (B)

It-traffiku fi tranżitu: il-kwantitajiet trasportati fil-passaġġi ta' l-ilma interni nazzjonali skond il-pajjiż tat-tagħbija u tal-ħatt u skond il-grupp ta' merkanzija

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(tunnellati metriċi)

Il-pajjiż ([1]) ta'		Il-grupp tal-merkanzija ([2])					
tagħbija	ħatt	01	02	03	…		It-total
01	01 02 03 . . It-total 01						
02	01 02 03 . . It-Total 02						
“	. . . . It-total”						
It-total							
Flimkien ma' ([3]):							
It-total globali							

([4]) Ara l-Anness III.
([5]) Ara l-Anness I.
([6]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttva (mhux obbligatorju).

TABELLA 6 (A)

It-traffiku internazzjonali; kilometri-tunnellati metriċi fil-passaġġi ta' l-ilma interni nazzjonali skond il-pajjiż tat-tagħbija/ħatt u skond il-grupp ta' merkanzija

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(kilometri-tunnellati metriċi)

ħatt ([1])	Il-gruppi tal-merkanzija ([2])					
	01	02	03	...		It-total
A. **Ireċevuti minn:**						
01						
02						
03						
.						
.						
B. **Mibgħuta lil:**						
01						
02						
03						
.						
.						
It-total (A + B)						
Flimkien ma' ([3]):						
It-total globali						

([1]) Ara l-Anness III.
([2]) Ara l-Anness I.
([3]) It-Traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttva (mhux obbligatorju).

TABELLA 6 (B)

It-traffiku fi tranżitu: kilometri-tunnellati-metriċi fil-passaġġi ta' l-ilma nazzjonali skond il-pajjiż tat-tagħbija u tal-ħatt u skond il-grupp ta' merkanzija

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(Kilometri-tunnellati metriċi)

Il-pajjiż ([1]) ta'		Il-grupp tal-merkanzija ([2])					
it-tagħbija	Il-ħatt	01	02	03	…		It-total
01	01 02 03 . . It-total 01						
02	01 02 03 . . It-total 02						
“	. . . . It-total”						
It-total							
Flimkien ma' ([3]):							
It-total globali							

([4]) Ara l-Anness III.
([5]) Ara l-Anness I.
([6]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttva (mhux obbligatorju).

TABELLA 7 (A)

It-traffiku internazzjonali: il-kwantitajiet trasportati fuq il-passaġġi ta' l-ilma nazzjonali skond il-pajjiż tat-tagħbija/ħatt u skond in-nazzjonalità

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(tunnellati-metriċi)

Il-Pajjiż tat-tagħbija/ħatt ([1])	In-Nazzjonalità tal-bastiment										
	EUR-10						Pajjiżi li jinnegozjaw ma' l-Istat	Pajjiżi oħrajn			It-total
	It-total	li minnu:						It-total	li minnu:		
		D	F	NL	B	L			CH	A	
A. **Ireċevuti minn:**											
01											
02											
03											
.											
.											
B. **Mibgħuta lil:**											
01											
02											
03											
.											
It-total (A + B)											
Flimkien ma' ([2]):											
It-total globali											

([1]) Ara l-Anness III.
([2]) It-Traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttva (mhux obbligatorju).

TABELLA 7 (B)

It-traffiku fi tranżitu: il-kwantitajiet trasportati fil-passaġġi ta' l-ilma nazzjonali skond il-pajjiż tat-tagħbija/ħatt u skond in-nazzjonalità

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(tunnellati-metriċi)

Il-Pajjiż ([1]) ta'		In-Nazzjonalità tal-bastiment										
		EUR-10						Pajjiżi bin-negozju ta' l-Istat	Pajjiżi oħrajn			It-total
it-tagħbija	Il-ħatt	It-total	li minnu:						It-total	li minnu:		
			D	F	NL	B	L			CH	A	
01	01											
	02											
	03											
	.											
	.											
	It-total 01											
02	01											
	02											
	03											
	.											
	.											
	It-total 02											
“	.											
	.											
	It-total”											
It-total												
Flimkien ma' ([2]):												
It-total globali												

([1]) Ara l-Anness III.
([2]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttiva (mhux obbligatorju).

TABELLA 8 (A)

It-traffiku internazzjonali: kilometri-tunnellati metriċi fil-passaġġi ta' l-ilma nazzjonali skond il-pajjiż tat-tagħbija/ħatt u skond in-nazzjonalità

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(Kilometri-tunnellati metriċi)

Il-Pajjiż tat-tagħbija/ħatt ([1])	In-Nazzjonalità tal-bastiment										
	EUR-10						Pajjiżi li jinnegozjaw ma' l-Istat	Pajjiżi oħrajn			It-total
	It-total	li minnu:						It-total	li minnu:		
		D	F	NL	B	L			CH	A	
A. **Ireċevuti minn:**											
01											
02											
03											
.											
.											
B. **Mibgħuta lil:**											
01											
02											
03											
.											
It-total (A + B)											
Flimkien ma' ([2]):											
It-total globali											

([1]) Ara l-Anness III.
([2]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttiva (mhux obbligatorju).

TABELLA 8 (B)

It-traffiku fi tranżitu: kilometri-tunnellati metriċi fil-passaġġi ta' l-ilma nazzjonali skond il-pajjiż tat-tagħbija/ħatt u skond in-nazzjonalità

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (is-sena) . . . . . .

(Kilometri-tunnellati metriċi)

Il-Pajjiż ([1]) ta'		In-Nazzjonalità tal-bastiment										
		EUR-10						Pajjiżi li jinnegozjaw ma' l-Istat	Pajjiżi oħrajn			It-total
It-tagħbija	Il-ħatt	It-total	li minnu:						It-total	li minnu:		
			D	F	NL	B	L			CH	A	
01	01											
	02											
	03											
	.											
	.											
	It-total 01											
02	01											
	02											
	03											
	.											
	.											
	It-total 02											
“	.											
	.											
	It-total”											
It-total												
Flimkien ma' ([2]):												
It-total globali												

([1]) Ara l-Anness III.
([2]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttiva (mhux obbligatorju).

TABELLA 9

It-traffiku nazzjonali u internazzjonali: il-kwantitajiet trasportati f'kanal(i) interni indikati skond il-konnessjoni tat-trasport

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (ix-xahar) . . . . . .

Il-konnessjoni tat-trasport	(tunnellati-metriċi)
A. **It-traffiku nazzjonali**	
B. **Irieċevuti minn** [1]**:**	
01	
02	
03	
.	
.	
C. **Mibgħuta lil** [1]**:**	
01	
02	
03	
.	
.	
It-total (A + B + Ċ)	
Flimkien ma' [2]:	
It-total globali	

[1] Ara l-Anness III.
[2] It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttiva (mhux obbligatorju).

TABELLA 10 (A)

Traffiku nazzjonali, internazzjonali u fi tranżitu: il-kwantitajiet trasportati skond in-nazzjonalità

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (kull erba' xhur) . . . . . .

(tunnellati-metriċi)

In-Nazzjonalità tal-bastiment	It-traffiku nazzjonali	It-traffiku internazzjonali				It-Transitu: (minnħajr trasbord)	It-total
		It-total		Is-sehem tal-KEE			
		It-tagħbijiet	Il-ħatt	It-tagħbijiet	Il-ħatt		
EUR-10							
Il-Belġju							
Id-Danimarka							
Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja							
Il-Greċja							
Franza							
L-Irlanda							
L-Italja							
Il-Lussemburgu							
L-Olanda							
Ir-Renju Unit							
L-Isvizzera							
L-Awstrija							
Pajjiżi li jinnegozjaw ma' l-Istat URSS							
Il-Polonja							
Ir-Repubblika Demokratika Ġermaniża							
Iċ-Ċekoslovakkja							
L-Ungerija							
Ir-Rumanija							
Il-Bulgarija							
Il-Jugoslavja							
Pajjiżi Ewropej oħrajn							
L-Istati Uniti ta' l-Amerka							
Pajjiżi oħrajn							
It-total							
Flimkien ma' ([1]):							
It-total globali							

([1]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttiva (mhux obbligatorju).

TABELLA 10 (B)

Traffiku nazzjonali, internazzjonali u fi tranżitu: kilometri-tunnellati ([1]) metriċi skond in-nazzjonalità

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (kull erba' xhur) . . . . . .

(Kilometri-tunnellati metriċi)

In-Nazzjonalità tal-bastiment	It-traffiku nazzjonali	It-traffiku internazzjonali				It-transitu: (minħajr it-transitu bil-bahar)	It-total
		It-total		Is-sehem tal-KEE			
		It-tagħbijiet	Il-ħatt	It-tagħbijiet	Il-ħatt		
EUR-10							
Il-Belġju							
Id-Danimarka							
Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja							
Il-Greċja							
Franza							
L-Irlanda							
L-Italja							
Il-Lussemburgu							
L-Olanda							
Ir-Renju Unit							
L-Isvizzera							
L-Awstrija							
Pajjiżi li jinnegozjaw ma' l-Istat							
L-URSS							
Il-Polonja							
Ir-Repubblika Demokratika Ġermaniża							
Iċ-Ċekoslovakkja							
L-Ungerija							
Ir-Rumanija							
Il-Bulgarija							
Il-Jugoslavja							
Pajjiżi Ewropej oħrajn							
L-Istati Uniti ta' l-Amerka							
Pajjiżi oħrajn							
It-total							
Flimkien ma' ([2]):							
It-total globali							

([1]) Kilometri-tunellati metriċi fil-passaġġi ta' l-ilma nazzjonali.
([2]) It-traffiku (li ghandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttiva (mhux obbligatorju).

TABELLA 11

It-traffiku totali tal-merkanzija skond it-tip ta' bastiment

Il-pajjiż li jirrapporta: . . . . . Il-perjodu (kull erba' xhur) . . . . . .

It-tip ta' bastiment	It-traffiku totali	
	(tunnellati-metriċi)	Kilometri-tunnellati metriċi ([1])
– barkun immexxi minnu nnifsu – tanker immexxi minnu innifsu – bakuni oħrajn immexxija minnhom infushom – barkun irmunkat – tanker irmunkat – barkuni oħrajn irmunkati – barkuni imbuttati (inklużi barkuni imbttati-irmunkati) – tanker imbuttat – barkuni ta' xort' oħra imbuttati (inklużi barkuni mgħobbija fuq vapuri), – bastiment ieħor li jġorr il-merkanzija,		
It-total		
Flimkien ma' ([2]):		
It-total globali		

([1]) Kilometri-tunellati metriċi fil-passaġġi ta' l-ilma nazzjonali.
([2]) It-traffiku (li għandu jiġi speċifikat) li hu tradizzjonalment inkluż fl-istatistiki nazzjonali tal-pajjiż li jirrapporta imma li m'huwiex imsemmi f'din id-Direttiva (mhux obbligatorju).